# KEWKBA

Kemm îlek tiġġerra fil-beraħ
tas-sema, ja kewkba ? X'imkien
qatt ħareġ minn ġensna min feraħ
għax kixef ta' ħajtek iż-żmien ?

Maħruba, ħafifa bħal vleġġa,
Int tiġri w-ma tieqaf imkien:
kif mela râk l-eqdem Eġittu
fejn qiegħed il-lum narak jien ?

U tħares u tiddi ġe' ħarsti,
'Mma ħarsti tintilef fil-bogħod...
Ja kewkba, ja kewkba, quddiemek
Il-qawwa ta' ħsiebi tirtogħ'd.

30-3-30.

**Dun Karm.**

# *I* JEW *IE*?

Ħafna huma l-kittieba li jitfixklu jew ma jafux fejn għandhom jiktbu l-vokali *i* jew *ie* u bir-raġun, għaliex xi drabi l-widna ma tgħarrafhomx biż-żejjed. Aħna fuq dan ktibna darb'oħra fil-Malti (ara l-Ewwel Sena faċċ. 116), iżda billi bqajna naraw l-istess għiltijiet, irridu l-lum nerġgħu nfakkru xi ħaġa.

L-ewwelnett niftakru li l-*ie* ma hix ħlief il-vokali *â* li f'xi bnadi tinkiser f'*ie*. Ara: l-*â* tal-partiċella *ta'* (*tagħ*) mita tingħaqad mal-pronomi possessivi *-i*, *-ek*, *-u* tinkiser u ssir *ie*; il-kelma *ħsibna* mita żżidilha n-negattiv *ma...x* tiġi *ma ħsibnâx* li tinkiser f'*ma ħsibniex*. *Kelma* tagħmel il-plural *kelmât*=*kelmiet*.



Niftakru wkoll u nżommu quddiem għajnejna li l-*ie*, billi ma hix ħaġ'oħra ħlief l-*â*, għandha dejjem l-aċċent tal-kelma fuqha; u billi, skond ir-reguli tal-ortografija maltija, l-ebda kelma ma jista' jkollha iżjed minn aċċent wieħed, mita dan l-aċċent jillarga minn fuq l-*ie*, din issir *i* jew *e*. Ara: *kien* issir *ma kenux*, *missier* issir *missirijiet* jew *misserijiet*.

Issa niġu għalli konna qabel.

Jekk wieħed joqgħod jifli sewwa jsib illi l-ħoss ta' *i* jew *ie* quddiem il-konsonanti *h*, *ħ*, *q* u *għ* jista' jqarraqna, għalhekk tajjeb li niftakru dan li ġej;

Il-kliem li jfisser il-għemil ta' xi ħaġa (*nomi infinitivi*) jinkiteb bil-vokali *i*: għalhekk bħal ma niktbu *qtil*, *tqattir* niktbu wkoll *ġmigħ*, *inbiħ*, *tixbih*.

Il-kliem li qiegħed għal min jagħmel dak il-għemil jinkiteb bil-kisra *ie*; għalhekk bħal ma niktbu *qattiel*, *kittieb* nitktbu wkoll bl-*ie* kliem bħal *ġemmiegħ*, *nebbieħ*, *ħallieq*.

Issa barra minn dawn hemm bosta kliem li la l-widna u l-anqas il-grammatka ma jistgħu juruna jekk għandniex niktbuhom bil-vokali *i* jew *ie*. Għal dawn tidħol l-*etimoloġija*. Inġibu l-lista li aħna ġbarna u li aħna aktarx ħadnieha minn fuq id-Dizzjunarju ta' Ġann Patist Falzon:—

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bih-a | għolliq (*xewk*) | qiegħ-a | sħiħ-a |
| bittiħ-a | għollieqa (*legacciolo*) | qurriegħa | siegħ |
| bżieq | ħlieqa (*ċajta*) | rebbiegħa | siegħa |
| diq diqa | ħliqa (*creatura*) | riħ—rjieħ | sieq |
| dqiq | ħurrieq | riħa | tieqa |
| driegħ | lfiq | riq | trîq |
| dulliegħa | lħiħ | rqiq-a | tuffieħa |
| fih-a | mistrieħ | rwieħ | xbieh-a |
| friegħi | musbieħ | sabiħ-a | xħiħ-a |
| fwieħa | nieqa | sbieħ | xiħ-a |
| ġieħ | nixxiegħa | sejjieħ | xniegħa |
| għalih-a | qatigħ | sfiq | Żurrieq. |

S.